MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 309/2010

**A B**

**vs**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta :

Illi l-kontendenti zzewwgu fil-25 ta' Ottubru, 2000;

Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda tfal;

Illi l-kontendenti ghaddejjin bil-proceduri ta' separazzjoni;

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-

hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitilhom impossibbli li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi dan iz-zwieg huwa null ghaliex il-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-ezkluzzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewwga;

Ghaldaqstant jitlob li din il-Qorti joghgobha tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fil-25 ta' Ottubru 2000 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha;

Rat illi l-konvenuta baqghet kontumaci u qatt ma dehret ghas-seduti tal-Qorti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Rat l-affidavit ta' l-attur illi permezz tieghu xehed illi kien iltaqa ma martu Malta meta gie jistudja fl-universita u wara xi xahar li sar jafha bdew johorgu flimkien. Fiz-zmien li iltaqa maghha, kellu 23 sena u hi kellha 18 il-sena. L-attur xehed illi l-konvenuta kienet immatura u riedet tizzewweg u peress li kien ghadu qieghed jistudja u ma tantx kellhom finanzi marru jghixu ma huh. L-attur kompla jixhed illi huwa kien izzewweg lill-konvenuta peress illi din kienet harget tqila u ried jimxi skond ir-religjon tieghu. Hija kienet harget tqila wara xi xahrejn, jew tlett xhur illi kienu bdew johorgu flimkien. It-tarbija twieldet wara iz-zwieg, izda skond l-attur irrizultalu sussegwentement illi l-konvenuta kienet qeghda tara lil xi haddiehor f'dak il-

perjodu, izda ma kienitx qaltulu dan u sussegwentement dan ir-ragel l-iehor kien istitwixxa kawza fil-Qorti u ir-rizultati tad-DNA kienu fis-sens illi hu kien il-missier tat-tarbija u mhux l-attur. L-attur xehed ukoll illi matul iz-zwieg kien skopra illi l-konvenuta gieli kienet tabbuza mid-droga u ammettiet mieghu illi kienet bdiet tiehu d-droga meta kellha madwar 15 il-sena. L-attur kompla jixhed illi minkejja il-fatt illi sar jaf li ma kienx missier it-tarbija, xorta wahda l-affarijiet baqghu sejrin sew bejnu u bejn il-konvenuta. Huwa kompla jixhed illi kien waqaf milli jmur l-universita peress illi kellu bzonn il-finanzi, il-konvenuta kienet tahdem biss part-time u ghalhekk kienu jghixu bir-relief. Fl-2004 kienu qeghdin jghixu man-nanniet tal-konvenuta illi kienu ma jifilhux u sar jaf illi, minkejja il-fatt illi kien qieghed jaghti il-flus lill-konvenuta ghall-hajja, hija ma kienitx qeghda tonfoq il-flus b'mod xieraq, il-flus ma kienux iservuha u in-nanna taghha kien ikollha tohrog il-flus sabiex il-konvenuta tixtri l-affarijiet ghad-dar. Ghalhekk beda jissuspetta li qeghda tiehu d-drogi. L-attur kompla jixhed illi sar jaf illi l-konvenuta kienet qeghda tohrog ma persuni illi kienu qeghdin jinfluenzawha b'mod hazin. Huwa qal ukoll illi iz-ziju tal-konvenuta kien qallu li kien ra lill-konvenuta tiehu d-drogi. Hu kien ikkonfrontaha u ammettiet mieghu li kellha l-problema tad-droga. Illi kien ghalhekk illi kemm hu u kif ukoll in-nanniet tal-konvenuta ikkonvincew lill-konvenuta sabiex taghmel program San Blas ghar-riabilitazzjoni mid-droga. Hija marret u bdiet il-program izda ma komplitux. Il-konvenuta ghamlet zmien fejn bdiet sejra ahjar ghax kienet qeghda tiehu il-methadone, izda ghall-ahhar tas-sena 2009 l-attur skopra illi l-konvenuta kienet qeghda terga tiehu d-droga peress illi ra it-tbengil fuq idejha. Hija kienet tichad, izda darba minnhom injettat l-eroina fil-palm ta' idejha u kellu jehodha ghand it-tabib peress illi kellha infezzjoni f'idejha. L-attur xehed illi meta ra illi l-konvenuta ma rieditx tisma minnu u kompliet tabbuza mid-droga kien ipproceda kontra taghha sabiex jottjeni is-separazzjoni u istitwixxa wkoll il-kawza odjerna.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur tella jixhed ukoll lil huh C B. Dan ix-xhud ikkonferma illi l-gherusija bejn il-partijiet ma kienitx xi wahda twila, illi D harget tqila, kienu jahsbu illi t-tarbija kienet ta' l-attur u ghalhekk l-attur kien izzewweg lill-konvenuta. Il-partijiet marru jghixu max-xhud wara li izzewwgu u dak iz-zmien il-konvenuta ma kellhiex impjieg fis. Ix-xhud kompla jghid illi wara li twieldet it-tarbija il-konvenuta kienet qalet lill-attur li ma kienitx certa jekk it-tarbija kienitx tieghu jew le ghaliex fiz-zmien li harget tqila kienet tohrog ukoll ma haddiehor u x-xhud sar jaf illi effettivament kien irrizulta illi l-missier ma kienx huh l-attur. Ix-xhud kompla jixhed illi huh ma baqghax jiffrekwenta l-universita u sab impjieg u marru jghixu man-nanniet tal-konvenuta illi kellhom bzonn l-ghajnuna. F'dan iz-zmien huh kien qallu li qieghed jissuspetta illi l-konvenuta kienet qeghda tiehu d-droga. Huh kien ikkonvinca lill-konvenuta sabiex taghmel program ghar-riabilitazzjoni mid-droga, izda ma kienitx kompliet il-program, ghamlet xi zmien mhux hazin, izda umbaghad inqala incident fejn il-konvenuta kellha tmur ghand tabib ghaliex kellha infezzjoni f'idejha u, skond ix-xhud, meta l-attur hadha ghand it-tabib kien induna li kienet abbuzat mid-droga u kienet injettat l-eroina fil-palm ta' idejha. Ix-xhud ikkonkluda billi qal illi meta huh ra li l-konvenuta ma rieditx tieqaf tabbuza mid-droga kien telaqha.

Ikkunsidrat :

Illi l-attur qieghed jibbaza it-talba tieghu ghall-annullament taz-zwieg fuq l-Artikolu 19(1) (d) ta' l-Att dwar iz-Zwieg li jghid hekk : Illi il-kunsens kien vvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taggha.

Illi kif gie affermat diversi drabi mill-Qrati taghna, ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta illi fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. (Vide sentenza ta'

din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo deciza fis-26 ta' Ottubru 2000.)

Illi il-patt taz-zwieg jirrikjedi il-kapacita intellettwali u l-kapacita volutiva illi titlob li permezz taghha persuna taghti l-kunsens taghha b'mod hieles u liberu.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma l-obbligazzjoni li tikkoncerna l-att taz-zwieg bhala unjoni u bhala bazi ta' prokreazzjoni, l-obbligazzjoni ghall-kommunita tal-hajja u imhabba bhala espressjoni tal-unjoni bejn mara u ragel, dak illi jissejjah il-"mutual well-being" u l-obbligazzjoni illi jircievu u irabbu it-tfal fil-kuntest tal-hajja mizzewga,

Ikkunsidrat :

Illi l-attur ibbaza it-talba tieghu ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tieghu ukoll fuq l-Artikolu 19(1) (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg.

Illi l-artikolu 19(1)(f) jgħid illi z-zwieġ ikun null jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieġ innifsu, jew xi wieħed mill-elementi tal-ħajja mizzewġa, jew tad-dritt għall-att taz-zwieġ.

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Muscat vs E Grech deciza fl-14 ta' Awissu 1995, il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem :

"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens għal dak iz-zwieg ikun qed jissimula il-kunsens tiegħu."

Illi permezz tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Aquilina vs Aquilina deciza fit- 30 ta' Jannar 1991 u permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti

moghtija fil-kawza fl-ismijiet Grech vs Grech deciza fid- 9 ta’ Ottubru 1990 ġew elenkati dawn l-elementi bħala elementi essenzjali tal-ħajja mizzewġa u cioe:

1. Il- komunjoni tal-hajja konjugali,
2. L-indissolubbilta` tar-rabta taz-zwieg,
3. id-dritt għall-fedelta` u
4. d-dritt ghall-prokreazzjoni ta’ l-ulied”.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-provi prodotti mill-attur huma wisq fjakki u insufficjenti sabiex iwasslu lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi illi z-zwieg tal-partijiet huwa null peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewwga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew minhabba simulazzjoni.

Illi l-attur l-ewwel jghid illi iddispjacih ferm illi t-tarbija li kienet qeghda tistenna il-konvenuta ma kienitx tieghu, izda fl-istess nifs jghid illi meta sar jaf b’dan kollu xorta wahda baqa jghix mal-konvenuta u ried illi ikompli il-hajja mizzewga maghha. L-attur jghid ukoll illi kien jaf li l-konvenuta kienet qeghda tiffrekwenta persuni ohrajn nisa u irgiel illi ma kienux qed ihallu influenza tajba fuqha, izda ma xehedx illi ipprova iwaqqafha milli tkompli taghmel dan.

Illi l-Qorti rat illi l-attur naqas milli iharrek lill-konvenuta sabiex titla tixhed f’dawn il-proceduri, naqas milli jannetti kopja legali tal-proceduri illi semma dwar il-filjazzjoni tal-wild illi kellha il-konvenuta, liema wild ma kienx tieghu izda ta’ terz, u l-attur naqas ukoll milli itella jixhdu f’dawn il-proceduri rapprezentanti tac-Centru ta’ San Blas illi jiehu hsieb il-programm ghar-Riabilitazzjoni mid-Droga sabiex dawn jikkonfermaw illi l-konvenuta kienet tabbuza mid-droga kif allega l-attur.

Illi l-Qorti tara li wisq anqas ma l-attur irnexxielu jipprova illi l-kunsens tieghu u jew tal-konvenuta kien vizzjat peress illi l-kunsens inkiseb bl-ezkluzzjoni posittiva taz-

zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewwga jew ta’ dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-attur ma ilmentax illi l-attrici ma kienitx tiehu hsieb tad-dar, jew per ezempju illi kienet tirrifjuta li jkollha x’taqsam mieghu, izda kull ma qal kien illi kienet tonfoq il-flus bl-adocc u kien ikollha titlob lin-nannitha tislifha il-flus sabiex tlahhaq mal-hajja.

Illi dan certament mhuwiex bizzejjed sabiex ikunu sodisfatti ir-rekwiziti ta’ l-Artikolu 19 (1) (f) ta’ l-Att dwar iz-Zwieg.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tinsab rinfaccjata biss b’verzjoni wahda, dik ta’ l-attur u ta’ huh u il-fatt illi l-konvenuta hija kontumaci certament ma iffissirx illi l-konvenuta ammettiet it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet attrici; Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------